MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 104/2014

**Montanari Caterers Ltd**
**(C 52967)**

**Vs**

**Mark Zammit**
**ID 83685M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Frar, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-intimat huwa debitur tas-socjeta' attrici ghas-somma ta' hames mija erbgha u erbghin Ewro u disghin centezmu (€544.90) rapprezentanti diversi ogetti ta' ikel suppliti mis-socjeta' attrici bejn Awissu u Settembru 2013 u dan skond l-'statement of account' hawn anness u mmarkat Dok A.

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u skadut.

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet ghal hlas, l-intimat xorta wahda baqa' inadempjanti.

Ghaldaqstant, l-esponenti qieghed jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' hames mija erbgha u erbghin Ewro u disghin centezmu (€544.90) oltre l-imghax legali.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, bl-ingunzjoni in subizzjoni tal-intimat.

Il-konvenut debitament notifikat pprezenta risposta fl-14 ta' Marzu, 2014 fej eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi ma hemm xejn dovut. Il-pagament fuq konsenji li gew effetwati kienu saru, u hemm ammont li jirrigwarda konsenji li qatt ma saru.

Xehdet Miriam Zammit.

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati mhux sodisfatt illi l-attur irnexxhielu jipprova l-kaz b'mod sodisfacenti u dan peress illi fejn m'hemmx qbil dwar jekk sarux il-lunches jew li ma ngibet ebda prova jew firma fuq invoice. L-unika prova kienet dokument PS1 a fol tnejn u erbghin (42) tal-process li hija order li tinghata mill-iskola lil konvenut, liema ordni setghat ma saritx ghand is-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi u ragunijiet it-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jichad it-talba attrici u jillibera lil konvenut.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati billi kull parti thallas is-sehem taghha.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------